**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# TMINN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 03/2019

**Il-Ħamis 29 ta' Awwissu, 2019**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fis-1:30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Omar Elaref Arab – Viċi Sindku
Désirée Vella Brincat – Kunsillier
Charles Cesare – Kunsillier
Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 03.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

03.1.1 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li ma kien hemm ebda talba ta' apoloġija.

## 03.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 02/2019.

03.2.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 02/K8/2019 kif ippreżentati.

03.2.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/2543/19/I** Kwotazzjoni mingħand Vincenti & Co għall-provvista ta' interactive flat panel.

**46/2544/19/I** Kwotazzjoni mingħand Forestals għall-provvista ta' 4K UHD interactive flat panel.

**46/2575/19/I** Kwotazzjoni mingħand Audio Visual Centre Ltd. għall-provvista ta' 4K interactive flat panel.

**46/2595/19/I** Kwotazzjoni mingħand Doneo għall-provvista ta' interactive flat panel.

03.3.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2543/19/I, 46/2544/19/I, 46/2575/19/I u 46/2595/19/I** fejn ippropona li deċiżjoni tittieħed wara li l-Kunsill jirċievi l-eżitu tal-applikazzjoni li saret fuq l-iskema relatata mal-libreriji.

03.3.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2541/19/I** Email mingħand l-AKL b'linji gwida vis-a-vis il-fondi għall-inizjattivi kulturali/soċjali mill-fondi tal-LESA.

03.3.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2541/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jissottometti l-applikazzjoni fil-ġimgħat li ġejja abbażi ta' dak diskuss fil-laqgħa preċedenti.

03.3.5 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.3.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.3.7 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg fakkar lill-membri li huwa importanti li jiġi provdut bil-materjal neċessarju biex ikun jista' jikkompila l-applikazzjoni.

**46/2530/19/I** Email mingħand is-Sindku Dean Hili dwar il-proġett Saġġar.

**46/2626/19/I** Email mingħand IM dwar tħawwil ta' siġar f'diversi żoni madwar il-lokal.

**46/2678/19/I** Email mingħand is-sur Dario Debono, Youth Worker fi ħdan Aġenzija Żgħażagħ, jitlob laqgħa mal-Kunsill biex jofri l-għajnuna lill-Kunsill wara l-ħruq tas-siġar li kien hemm f'partijiet miż-żona natura2000.

**46/2689/19/I** Email mingħand Ambjent Malta dwar provvista ta' siġar lill-Kunsilli Lokali.

03.3.8 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2530/19/I, 46/2626/19/I, 46/2678/19/I u 46/2689/19/I** irrimarka li filwaqt li linfrasfruttura Malta qed tintrabat li tagħmel il-manutenzjoni u ż-żamma għall-perjodu ta' ħames snin, Ambjent Malta qed torbot lill-Kunsill biż-żamma u l-manutenzjoni għal-ħames snin filwaqt li NGO's qed joffru għajnuna biex jinżergħu siġar fil-lokal biż-żamma u l-manutenzjoni f'idejn il-Kunsill. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill għandu jevalwa kull proposta u fejn ser ikun hemm għajnuna bħal ta' IM għandha tiġi aċċetta, rigward ta' Ambjent Malta diġa hemm commitment u għalhekk ladarba jsiru dawn l-interventi l-Kunsill għandu jara xi spazji jkun għad fadal.

03.3.9 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.3.10 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2508/19/I** Stima ta' €1,200.00 eskluż il-Vat mingħand il-kuntrattur J&K Contractor biex tissewwa ħsara tad-drenaġġ fi Triq Juno, quddiem Juno Flats.

**46/2634/19/I** Email mingħand l-Awtorita' tad-Djar jikkonfermaw li ser jiffinanzjaw €900.00 eskluż il-vat mill-ispiża, bil-kumplament tinħareġ mill-Kunsill.

03.3.11 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2508/19/I** u **46/2634/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova l-istima.

03.3.12 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.3.13 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2578/19/I** Email mingħand TM jinfurmaw lill-Kunsill li l-kaxxi ta' Reserved Parking li kien hemm fil-parkeġġ ta' quddiem l-ITS qed jiġu rilokata għal Triq il-Profs Walter Ganado.

03.3.14 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2578/19/I** fejn ippropona li jekk dawn ma jinżebgħux minn TM, ix-xogħol isir mill-Kunsill.

03.3.15 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.3.16 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2819/19/I** Email mingħand TM jinfurmaw lill-Kunsill li ġiet approvata t-talba biex fuq kull naħa ta' garaxx numru 36, Triq Patri A. Tonna Barthet, jinżebagħ metru double yellow line.

03.3.17 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2819/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill jagħmel ix-xogħol li hemm bżonn.

03.3.18 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.3.19 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2752/19/I** Email mingħand sid l-Ispiżerija San Giorgio jirrakkomanda li quddiem l-ispiżerija jew fil-viċinanza isir parkeġġ riservat għall-persuni bi bżonnijiet speċjali.

03.3.20 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2752/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa' din it-talba, inkluż li t-talba għall-permess, jekk huwa possibbli għandu jkun hemm magħha restrizzjoni li min jagħmel użu minnu jkun sa massimu ta' 60 minuta No Return within 120 minutes.

03.3.21 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.3.22 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.3.23 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li Tender 2017/05 - Christmas street light decorative motifs and string lights, ser jiskadi fit-30 ta' Novembru 2019 l'iżda jista' jiġi estiż għall-perjodu ta' sena oħra sa massimu ta' Novembru 2021. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-kuntratt għandu jiġi mġedded.

03.3.24 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

03.3.25 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.3.26 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li Tender 2016/03 - Professional Services of an Architect & Civil Engineer, ser jiskadi fil-31 ta' Awwissu 2019 u għalkemm il-Kunsill diġa iddeċieda li jinħareġ tender ġdid, il-proċess għadu għaddej. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li t-tender għandu jiġi estiż sa sad-data ta' start work, tat-tender li għad irid joħroġ u jiġi aġġudikat, liema perjodu huwa previst li jkun mhux aktar mill-aħħar ta' Novembru 2019.

03.3.27 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.3.28 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.3.29 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li l-ħaddiem tal-RSSL nhar il-Ħamis 8 ta' Awwissu 2019 irrapporta li kellu aċċident waqt il-ħin tax-xogħol u ħareġ bl-injury on duty. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill javviċina lill-FTZD fejn tintalab l-għajnuna tagħhom biex issir manutenzjoni fi Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

03.3.30 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.3.31 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.3.32 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal-laqgħa li huwa u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg kellhom mas-sur Robert Schembri u l-Perit Robert Zerafa minn IM dwar il-junction ta' Triq San Patrizju u l-bankina ta' Triq Sir Adrian Dingli. Il-kelliem irrimarka li x-xogħol fuq il-junction hemm indikazzjoni li wasal biex jibda u dwar il-bankina, IM qed jirrakkomandaw li din it-triq issir

One way direzzjoni minn Triq Suffolk lejn Triq Martin Luther King, l'istess għal Triq Martin Luther King li tkun One way direzzjoni lejn Triq il-Kosta. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni suġġett li IM tipprovdi soluzzjoni għat-trasport pubbliku b'mod partikulari għar-rotta 14 u 120.

03.3.33 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.3.34 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.3.35 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill jikteb lill-WSC fejn jintalbu li jinbidlu u/jew jiġu upgraded is-sistema tal-ilma u d-drenaġġ fil-junction ta' St Patricks u t-toroq tal-madwar fejn hemm propost li jsir resurfacing fix-xhur li ġejja minn IM.

03.3.36 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

03.3.37 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

03.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 03.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

03.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 22/2019** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 02/K8/19 u 03/K8/19 **(Dok. 1)**
- **Internal Memo 23/2019** - Lista ta' laqgħat li saru bejn laqgħa referenza 02/K8/18 u 03/K8/19 **(Dok. 2)**

03.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal **Internal Memo 22/2019** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

03.5.3 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

03.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.6 Dawl fi Trejqet Giovanni M. Letard.

03.6.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza mingħand Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab fejn ippropona li l-Kunsill għandu jinstalla dawl pubbliku fil-parti fejn hemm id-dlam fi Trejqet Giovanni M. Letard.

03.6.2 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

03.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.7 Diżlivelli fil-bankini fosthom parti minn Triq Madre Margerita de Brincat u postijiet oħra simili.

03.7.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza 46/2566/19/ dwar ilment anonimu li wasal għand il-Kunsill vis-a-vis il-livell tal-bankina fi Triq Madre Margerita de Brincat fl-akwati tal-Maypole, fejn ippropona li l-Kunsill għandu jqabbad il-kuntrattur ta-Kunsill biex jirranġa l-livell tal-bankina wara konsultazzjoni mar-resident konċernat.

03.7.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.8 Tfassil ta' programm ta' xogħol għall-ħames snin li ġejja.

03.8.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal dak diskuss fil-laqgħa preċedenti fejn ippropona li l-proġett ta' prijorità' għandhom ikunu: (1.) L-upgrading ta' Ġnien 4 ta' Lulju, (2.) Il-Ġnien ta' St. Patrick's, (3.) L-upgrading taż-żona ta' biswit Dar Warda fi Triq l-Imħallef William Harding u (4.) L-iżvilupp tal-mixtla.

03.8.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.9 Festa tal-Halloween 2019.

03.9.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill jiltaqa' mar-residenti ta' Triq San Ġorġ Preca dwar l-attività' tal-Hallowen 2019 inkluż li l-Kunsill jara li jerġa isir dak li sar is-sena li għaddiet minnaħa tal-Kunsill.

03.9.2 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

03.9.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.10 Villaġġ għal żmien il-Milied.

03.10.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2629/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsib oġġezzjoni għal din it-talba iżda l-Kunsill għandu jiltaqa' mal-organizzatur biex tiġi diskussa l-loġistika.

03.10.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.10.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

03.11.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 3, 4, 5, 6 u 7)**

03.11.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

03.11.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.11.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.12 Mozzjonijiet.

03.12.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għal-item li kien imiss.

## 03.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

03.13.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona biex il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir fis-1:30pm minflok fis-2:30.

03.13.2 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

03.13.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.13.4 Il-laqgħa ntemmet fit-15:25pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 26 ta’ Settembru 2019 fis-1:30pm.

Konfermati, illum 26 ta’ Settembru, 2019

**IFFIRMATA**
Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMATA**
Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Internal Memo Referenza 22/2019** **29 ta' Awwissu 2019**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 02/K8/19 u 03/K8/19

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 116 | 2019 | Mica Med | Tiġi rranġata l-lampa W100 fi Triq Juno. |
| 117 | 2019 | Mica Med | Tiġi nstallata flat glass mal-lampa Y107 fi Pjazza l-Beatu Nazju Falzon |
| 118 | 2019 | Mica Med | Jiġu rranġati 2 Lampi fi Triq Antoine de Favray u lampa fil-Ġnien Clifford Micallef |
| 119 | 2019 | Cornerstone | • Tiprovdilna working drawing u full specifications biex ikun jista' jitkompla r-railing li hemm ma' Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta,<br>• Tiprovdilna working drawing u full specifications biex ikun jista' jiġi nstallat railing dekorattiv fil-passaġġ ta' Ġnien il-21 ta' Settembru li jinsab bejn Triq Patri Indri Vella u Triq Luigi Billion, u<br>• Tiprovdilna working drawing u full specifications biex ikun jista' jiġi nstallat railing mat-taraġ li sar fi Triq Arnhem. |
| 120 | 2019 | Allied Newspapers | Adv TOM - PLC/EOI/02/2019 – Call of application for Junior Science Club Animators |
| 121 | 2019 | L-Orizzont | Adv L-Orizzont - PLC/EOI/02/2019 – Call of application for Junior Science Club Animators |
| 122 | 2019 | DOI | Adv DOI - PLC/EOI/02/2019 – Call of application for Junior Science Club Animators |
| 123 | 2019 | J&K Contractors | Jitpoġġa pipe u kaxxi tal-plastic wara l-kurduna f'parti minn Triq Tunis biex ikunu jistgħu jiġu nstallata lampi tad-dawl, u jitpoġġa pipe u kaxxi tal-plastic wara l-kurduna mal-passaġġ li hemm bejn Triq Juno u Triq Tunis biex ikunu jistgħu jiġu nstallata lampi tad-dawl. |
| 124 | 2019 | Mica Med | Jiġu nstallata: fi Triq Tunis 2 lampi fuq arbli eżistenti, fi Triq Tunis 3 lampi fuq arbli whip type, u fil-passaġġ bejn Triq Juno u Triq Tunis 2 lampi fuq 2 arbli whip type. |
| 125 | 2019 | Mica Med | Jiġu nstallata numru ta' lampi fi Triq Manuel Buhagiar u lampa W01246 li tinsab ma' dar Id-Dudu, tinqala' u tiġi nstallata mal-arblu li hemm quddiem l-istess dar |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 126 | 2019 | J&K Contractors | 1. Isir ix-xogħol neċessarju nkluż base tal-konkos u modifikazzjoni tal-bankina u t-triq biex jiġi nstallat Bus Shelter fi Triq Burma skond permess DN/00028/19,<br>2. Isir ix-xogħol neċessarju nkluż base tal-konkos u modifikazzjoni tal-bankina u t-triq biex jiġi nstallat Bus Shelter fi Triq il-Profs Walter Ganado skond permess DN/00031/19, u<br>3. Isir ix-xogħol neċessarju nkluż base tal-konkos u modifikazzjoni tal-bankina u t-triq biex jiġi nstallat Bus Shelter fi Triq il-Profs Walter Ganado skond permess DN/00032/19. |
| 127 | 2019 | J&K Contractors | Jiġi rranġat drenaġġ ta' Juno Flats, li parti mill-ispiża ser titħallas mill-Awtorita' tad-Djar |
| 128 | 2019 | Mica Med | Tiġi irrenġata lampa mitfija Y058 fi Triq Patri Odorik Grima wara Blk |
| 129 | 2019 | Mica Med | Tiġi rranġata lampa maqtugħa ma' Dar 59 W038 fi Triq il-Mediterran kantuniera ma' Triq Mons Luigi Farrugia |
| 130 | 2019 | Mica Med | Tiġi irrenġata lampa tixgħel u titfi ma' Dar 74 W026 fi Triq Patri Indri Vella |
| 131 | 2019 | Mica Med | Sabiex isir shifting ta' lampa bi numru W142 fi Triq Tobruk minn mal-ħajt ta' blokk 8 għall-eqreb arblu tal-Enemalta |
| 132 | 2019 | J&K Contractors | Jiġi rranġat ħajt (billi jiżżarma u jerġa jsir bl-istess ġebel) limea ħajt jidher li ntlaqat minn xi vettura off Triq il-Battalja ta' Malta |
| 133 | 2019 | B. Grima and Sons | • Titneħħa tabella li hemm fi Triq Dun Ġużepp farrugia li tindika li triq hija dead end,<br>• Tiġi drittata tabella bl-isem tat-triq fi Triq Misraħ il-Paċi,<br>• Tiġi drittata tabella bl-isem tat-triq fi Triq Camillo Sceberras,<br>• Tiġi drittata tabella School Ahead fi Triq Cassino, u<br>• Jinbdilu fi Triq Pietru Darmenia żewġ tabelli ta' No Parking bil-ħinijiet u l-ġranet kif indikat hawn taħt. |
| 134 | 2019 | Ells' Urban Services | Patching f'diversi toroq |
| 135 | 2019 | Mica Med | Sabiex tinbidel id-demarcation box maħruqa minn fuq lampa fi Triq Salvatore Castaldi |
| 136 | 2019 | Pembroke Food Store | eats Council meeting |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 2

**Internal Memo Referenza 23/2019** **29 ta' Awwissu 2019**

# Laqgħat li saru bejn il-Laqgħa 02/K8/19 u 03/K8/19

| Data | Suggett | Post | Min attenda |
|---|---|---|---|
| 20/07/19 | Council meeting 02/K8/2019 | PLC | Dean Hili<br>Omar Elaref Arab<br>Charles Cesare<br>Raymond Lanzon<br>Kevin Borg |
| 21/07/19 | PRESS CALL - Training Launch | AKL | Kevin Borg |
| 01/08/19 | My Malta Plan | TM - Lija | Kevin Borg |
| 01/08/19 | 3rd Blue Energy Lab of the MAESTRALE | Valletta | Omar Elaref Arab |
| 23/08/19 | Triq Burma tarmac | PLC | Kevin Borg |
| 26/08/19 | LOCAL4GREEN Project | PLC | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 28/08/19 | IM – St. Patrick Junction | IM - Luqa | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 28/08/19 | Konferenza Stampa: Contracts Manager f'kull lokalita | Fgura | Kevin Borg |
| 28/08/19 | Proġett - ADMIN4All | Wardija | Omar Elaref Arab<br>Kevin Borg |
| 28/08/19 | AKL - Laqgħa mas-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi | Wardija | Dean Hili<br>Omar Elaref Arab<br>Kevin Borg |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Sindku** : Dean Hili LL. D. **Viċi Sindku** : Omar Elaref Arab
**Kunsilliera** : Désirée Vella Brincat, Charles Cesare u Raymond Lanzon
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg